**24 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Briguglio

**Riċettazzjoni — Element Intenzjonali.**

*Il-propożizzjoni illi, biex ma jkunx hati ta' riċettazzjoni, min jakkwista oġġett għandu juża d-diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja biex jaċċerta ruħu li dak l-oġġett ma għandux provenjenza illeġittima, mhijiex interament żbaljata, imma mill-banda l-oħra għandha tiġi kwalifikata; għaliex, fil-waqt illi f'materja ċivili n-nuqqas ta' diliġenza tal-"buon padre di famiglia" jikkostitwixxi negliġenza, fil-kriminal teħtieġ negliġenza fi grad akbar, sabiex ikun hemm imputabbilità kriminali. Għalhekk, dik il-propożizzjoni għandha*

*tiġi modifikata fis-sens illi "in criminalibus", a differenza ta' "civiliter", mhix biżżejjed in-negliġenza li hi sempliċement l-ommissjoni tad-diliġenza tal-"buon padre di famiglia", imma teħtieġ negliġenza fi grad tali li tammonta għal "criminal misconduct", ġeneralment imsejħa "gross negligence".*

*Min jakkwista oġġett taħt ċirkustanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oġġett kellu provenjenza illeġittima, u ntant ma jagħmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jagħlaq għajnejh, huwa ħati ta' din in-negliġenza, u kwindi ta' riċettazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tas-6 ta' Mejju 1961, tal-attijiet ta' kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tiddeċidi fuq l-imputazzjoni tal-imputat, il-Belt Valletta u bnadijiet oħra f'Malta, f'dawn l-aħħar tnax il-xahar, xjentement laqa' għandu, jew xtara, saqqu u żewġ imħadded li l-valur tagħhom huwa iżjed minn £3 iżda anqas minn £10, liema saqqu u żewġ imħadded kienu ġejjin minn qerq jew akkwistati b'reat;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Mejju 1961, li biha sabet lill-imputat ħati, u kkundannatu għall-piena ta' tliet xhur lavuri furzati;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti bħal l-Ewwel waħda, hi soddisfatta li l-każ hu pruvat; għaliex jikkonkorru t-tliet rekwiżiti li jeħtieġu biex jiġi ntegrat ir-reat ta' riċettazzjoni. F'dan il-każ, jirriżulta li l-oġġetti kienu misruqa, li l-appellant

xtrahom, u li fil-mument tal-akkwist hu kien jaf bil-provenjenza illeġittma tagħhom (App. Krim. "Pul. vs. Bugelli", 24 ta' Jannar 1942);

Ingħad mid-difiża li l-Maġistrat applika skorrettament, kwantu għall-element tax-"scienter", ir-regola tad-diliġenza tal-"buon padre di famiglia", fis-sens li l-Maġistrat qal li, kieku l-appellant uża d-diliġenza tal-"buon padre di famiglia", hu kien imissu jkun jaf li l-oġġetti kienu ġejjin minn serq;

Għalkemm il-propożizzjoni mhijiex, kif sostniet id-difiża, interament żbaljata, però, *bir-rispett kollu għall-Maġistrat*, għandha tiġi kwalifikata. F'materja ċivili, in-nuqqas tad-diliġenza tal-"buon padre di famiglia" jikkostitwixxi n-negliġenza. Iżda fil-kriminal teħtieġ negliġenza "fi grad akbar" sabiex jista' jkun hemm imputabbilità kriminali. Qal Lord Porter, in Riddel v. Reid (1943) A.C. 131:— "A higher degree of negligence has always been demanded to establish a criminal offence than is sufficient to create criminal liability". Lord Hewart, in R. v. Bateman (1925), 94 L.J. K.B. 791, qal:— "In the civil action, if it is proved that A fell short of the standard of reasonable care required by law, it matters not how far he fell short of that standard......; in the criminal action, on the contrary, the amount and degree of negligence are the determining question". U Lord Atkin, fil-kawża Andrews v. Director of Public Prosecutions (1937), A.C. 576, esprima ruħu hekk:— "Simple lack of care such as will constitute civil liability, is not enough; for the purpose of the criminal law there are degrees of negligence......" U fit-test "Criminal Law" ta' Harris & Wilshere jingħad hekk:— "It must however be noted that the test of responsibility for negligence is not the same in criminal proceedings as in civil proceedings. In an action for damages for injury caused by the negligence of the defendant, no question of 'mens rea' arises, and the test of the defendant's liability to make compensation is whether he did or omitted to do something which in the circumstances would not have been done or omitted by a reasonable man...... In criminal proceedings, on the other hand, the liability of the accused person depends upon the existence of 'mens rea', and the

test accordingly is whether he was guilty of such culpable negligence as "amounted to criminal misconduct deserving of punishment" (pp. 21-22);

Għalhekk, il-propożizzjoni enunċjata mill-Ewwel Qorti għandha tiġi kwalifikata fis-sens li "in criminalibus" a differenza ta' "civiliter", mhix biżżejjed in-negliġenza li hi sempliċement l-ommissjoni tad-diliġenza tal-"buon padre di famiglia", imma teħtieġ negliġenza fi grad tali li tammonta għal "criminal misconduct", ġeneralment imsejħa "gross negligence";

Żgumbrat dan il-pont, din il-Qorti ssib l-element tax-"scienter", fil-kawża preżenti ta' riċettazzjoni, fiċ-ċirkustanzi tal-każ. Dak li jissejjaħ "in subjecta materia" "guilty knowledge" jista' jiġi pruvat jew "directly" jew "circumstantially" (ara Archbold, p. 795, 1959 edition). Jgħid il-Gleaville Williams, fit-test "Criminal Law", p. 127:— "On a charge of receiving it is sufficient that the accused believed the goods were stolen, i.e. probably stolen...... his omission to enquire in the case of his knowledge of probability would, it is submitted, be accounted knowledge";

Fil-każ preżenti, jirriżulta mill-provi li l-appellant kien jaf li Pond, li begħlu s-saqqu u l-imħadded, u li hu kien jikkonoxxi minn żmien, kien waiter, u mhux neguzjant ta' oġġetti simili, u lanqas biss neguzjant ta' xi xorta. L-appellant xtara l-oġġetti mill-idejn, fil-għaxija, fuq il-Kastilja. Ftiehem prezz baxx. In segwitu, hu rtira l-oġġetti "alla chetichella" bil-lejl, minn kamra ta' kerrejja, tant fid-dlam li xiegħelu s-suffarini biex jaraw. Il-mitraħ kien ġdid, tant li kien għad għandu l-involukru tal-plastic; u għalhekk l-appellant ma setgħax jaħseb li kienet xi okkażjoni ta' sekonda man. L-appellant ma staqsa bl-ebda mod mnejn il-bejjiegħ kien ġieb l-oġġetti, u kkorda bla ma lanqas rahom. Għax qabillu, l-appellant għalaq għajnejh (ara anki konsiderazzjonijiet żvolti fl-appell "Pul. vs. Tabone", deċiża il-lum stess minn din il-Qorti);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.